MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 1100/2003

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet giet reza impossibli minhabba vjolenza, swat, adulterju, ingurji gravi, sevizzi u inkompatibilita’ ta’ karattru;

Peress illi l-partijiet, ghalkemm ippruvaw, ma rnexxilhomx jikkonkludu separazzjoni konsenswali;

Peress illi l-attrici giet debitament awtorizzata tipprocedi b’ dina l-kawza b’ digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili tas-

26 ta' Awwissu, 2003 – digriet numru 1265/03 Dok. A anness;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Qorti, in vista tal-premess, m' ghandhiex:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet 'a mensa et thoro', u dan ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici dik ir-retta alimentarja li dina l-Qorti jidhrilha xierqa, tenut kont tal-mezzi tal-konvenut u tal-htigijiet ta' l-attrici, f' ammont, hin u lok, li dina l-Qorti joghgobha tiddetermina;

3. Tassenja d-dar matrimonjali 107, Rudolph Street, Sliema lill-attrici u dan ad eskluzjoni tal-konvenut;

4. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, u tordna d-divizjoni ta' l-istess; u

5. Tikkommina kontra l-konvenut is-sanzjonijiet tal-ligi kif kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa: fol.43

1. Illi l-eccipjent jaqbel ma' l-ewwel talba attrici limitatament ghal dikjarazzjoni u pronunzja ta' separazzjoni personali bejn il-kontendenti, u dan peress illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment minhabba ragunijiet imputabbli biss lill-attrici, u cioe' minhabba ingurja, sevizzi u minacci gravi da parti ta' l-attrici illi rrendew il-hajja matrimonjali bejn il-partijiet ghal kollox impossibli;

2. Illi t-tieni talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici, stante illi l-attrici hija kapaci illi tahdem u taqla' l-ghixien taghha, u ghaldaqstant ma

hemmx lok ghall-hlas ta' manteniment ghaliha, skond il-Ligi;

3. Illi t-tielet talba attrici hija opposta u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici, stante illi t-titolu ta' sub-enfitewsi temporanju fuq l-istess dar ma jifformax parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, izda huwa di proprjeta' parafernali ta' l-eccipjenti;

4. Illi ghalhekk, l-attrici ma ghandha l-ebda jedd, skond il-Ligi, illi tigi hija stess assenjata d-dar konjugali, u inoltre, l-eccipjenti qatt ma jista' jigi kkundannat illi jassenja proprjeta' parafernali tieghu lill-attrici, anzi hija l-attrici stess illi qieghda tokkupa proprjeta' parafernali appartenenti lill-eccipjenti;

5. Illi l-eccipjenti jaqbel mar-raba' talba attrici limitatament ghal dikjarazzjoni u pronunzja ta' xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;

6. Illi fl-ahhar lok, il-hames talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attrici stante illi, kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-estremi tar-rekwiziti legali ghall-kommina tal-provvedimenti msemmija, ma jirrikorrux da parti ta' l-eccipjenti, izda biss da parti ta' l-attrici u kwindi, l-istess provvedimenti ghandhom jigu kkomminati interament kontra l-attrici.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Rat ir-rapport[1] tal-perit legali l-Avukat Dottor Vincent Galea minnu debtiament mahluf;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

---

[1] Fol.696 *et seq.*

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut peress li l-hajja konjugali bejniethom giet reza mpossibbli, ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta imputabbli unikament lill-konvenut; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha tieghu l-konvenut jattribwixxi t-tkissir taz-zwieg ghar-ragunijiet imputabbli biss lill-attrici fit-termini ta’ l-artikolu 40 fuq gja citat.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-24 ta’ April 1976 u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal li llum hadd minnhom ma hu minorenni. Jidher li l-partijiet irriskontraw problemi matrimonjali li bdew jimmanifestaw ruhhom bhala tali fis-sena 2001, u f’ Jannar 2003 ipprecipitaw f’ incident li kellhom il-partijiet. Fil-15 ta’ Ottubru 2003 il-konvenut telaq mid-dar konjugali u mar jghix ma’ tfajla ta’ nazzjonalita’ albaniza

*Verzjoni attrici*
L-attrici tghid li l-konvenut, sa minn zmien l-gherusija, kien wera ruhu bhala bniedem possessiv hafna, kellu ghira kbira ghaliha u kien jittrattaha qisa xi oggett tieghu; izda xorta wahda kienet kompliet ir-relazzjoni mieghu peress li kienet thobbu u kienet lesta li toqghod ghal kollox;  kienet ukoll tispera li maz-zwieg il-karattru tieghu jinbidel.

Izda, wara z-zwieg, mhux talli l-karattru tal-konvenut ma nbidilx, imma talli kien sar tali li kien kkaguna hafna stress u tensjoni fl-attrici li wkoll kienet impeduta minnu milli tmur tahdem, sforz l-ghira li kellu ghaliha. Hi tghid li kien ragel aggressiv u kien jaqbad maghha ghal xejn;  kien ukoll jghajjarha u jbaxxiha quddiem in-nies.

Fis-sena 2001, peress li l-konvenut kien igerger li l-attrici kienet ticcaqlaq hafna fis-soda, hi kienet accettat li tmur torqghod fuq is-sufan fil-living room, izda l-attrici tghid li r-

relazzjonijiet intimi baqghu jsiru, u hi kienet dejjem disposta li tissodisfah, anke meta ma kienx ikollha aptit; u kien biss wara l-incident ta’ Jannar 2003, li fih il-konvenut kien refa’ idejh fuqha, li r-relazzjoni matrimonjali marret lura. Hi tghid li dak in-nhar hija kienet xorta wahda lestietlu l-ikel, izda meta dahal minn barra ma kielx u ssakkar fil-kamra tas-sodda “u minn dak in-nhar sallum qatt ma kellimni, injorani u qisni ma nezistix”.[2] Izda minkejja dan, hi xorta baqghet tahsillu l-hwejjeg, sakemm skopriet li kellu mara ohra.

L-attrici tghid li f’ Gunju 2003 il-konvenut kien laqqa’ lilha u lit-tfal biex jghidilhom li hu kellu mara ohra. “Jien x’ hin qal hekk irribellajt.”[3] L-attrici tghid li kien hemm zmien meta l-konvenut beda jidhol tard id-dar, anke fis-sieghat bikrin ta’ filghodu, u fis-sajf kien jaghmel weekends shah barra mid-dar. Hi tghid li meta kienet tarah jghix dik il-hajja “kont inwegga’ emozzjonalment”[4] F’ Ottubru 2003 il-konvenut telaq ghal kollox.

*Verzjoni Konvenut*

Dan jghid li hu u l-attrici qatt ma kellhom relazzjoni tajba hafna, u dan peress li l-attrici tbati mill-burdati, kienet nerveuza u mara supperva; u minhabba f’ hekk, kien ikollhom xi jghidu ta’ spiss.

Huwa jghid li circa erba’ snin qabel ma sseparaw de facto, hi kienet bdiet torqod waheda fuq is-sufan fil-living room, u dan peress li kienet tghid li hu kien jonhor. Isemmi l-incident ta’ Jannar 2003, izda jichad li kien vjolenti fil-konfront ta’ martu. Minn dak in-nhar l-attrici waqfet issajjarlu u tahsillu l-hwejjeg u qatghet kull komunikazzjoni minn mieghu, u ma rieditx taf bih aktar. Konsegwenzjalment, minhabba l-agir ta’ martu fil-konfront tieghu, il-konvenut jghid li kien kostrett li jitlaq mid-dar konjugali fil-15 ta’ Ottubru 2003.

Il-konvenut jichad li kien vjolenti ma martu, jew li kellu nisa ohra qabel ma telaq mid-dar konjugali. Jghid li l-mara

[2] Fol.186
[3] Fol.187
[4] Fol.189

albaniza kien iltaqa' maghha bejn Gunju u Lulju 2003 u kien imur ghandha darbtejn fil-gimgha biex tahsillu l-hwejjeg. Fi kliemu: "Jiena gieli rqadt ghandha qabel ma tlaqt mid-dar matrimonjali. Il-bicca l-kbira kien ikun fil-weekends. Waqt li kont norqod ghand din [il-mara] jien kien ikolli x' naqsam maghha. Dan qabel ma jiena tlaqt mid-dar matrimonjali."[5] Jghid li wara Ottubru 2003 huwa sab ruhhu wahdu, u eventwalment il-mara kienet dahlet tghix mieghu f' Jannar 2004.

Il-konvenut jghid li z-zwieg kien ilu li tkisser, minhabba l-komportament ta' martu, ferm qabel ma qabad ir-relazzjoni extra matrimonjali.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi din il-Qorti, wara ezami rett tal-provi akkwiziti, hija tal-fehema li ghandha taccetta bhala veritiera l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attrici, u korroborata minn membri tal-familja taghha, u b' mod partikolari mix-xhud John Cremona.

Mill-banda' l-ohra l-Qorti thoss li m' ghandhiex tistrieh fuq il-verzjoni tal-konvenut, ghalkemm sostnuta minn ulied il-partijiet; u dan ghar-raguni [1] illi l-verzjoni attrici hija aktar verosimi u konfacenti mal-kumpess tal-provi; u [2] jirrizulta li t-tfal huma miggieldin ma' l-attrici tant li kienu kostretti jitilqu mid-dar meta kienu maggjorenni, u di piu' u b' mod aktar qawwi, jidher li dawn jircevu appogg finanzjarju minghand il-konvenut. Ghal kuntrarju, ix-xhud John Cremona jirrizulta mill-atti li huwa habib kbir tal-konvenut, u huwa estraneju ghall-inkwiet bejn il-partijiet.

Illi dan John Cremona, li hu ta' mpar il-konvenut, jghid fl-affidavit[6] tieghu li hu ilu jaf lill-konvenut minn mindu kellu 11-il sena, u li "kbirna flimkien". Sussegwentement, meta x-xhud izzewweg ta' 20 sena, il-kuntatt bejniethom naqas sewwa minhabba l-hinijiet tax-xoghol taghhom; izda fis-sena 1986 regghu bdew jiltaqghu flimkien bil-familji taghhom. Huwa jghid li "minn dak iz-zmien 'l hawn, sa xi

[5] Vol.1 - dep. Fol.170
[6] Vol.1 – fol.66 *et seq.*

tlett snin ilu [sena 2000] lill-koppja C u A kont nafhom bhala kuntenti fiz-zwieg." Jghid pero' li l-konvenut minn dejjem kellu karattru ta' bniedem li jargumenta.

Ix-xhud isemmi okkazzjoni fejn tlett gimghat qabel nofs Lulju 2003 huwa kien mar ikellem lill-attrici "biex nistaqsiha x' naghmel bl-invit tat-tieg [tat-tifel tieghu] billi ftit qabel[7], kont iltqajt ma' C, u dan, bla ebda habi ta' xejn qalli li kellu ohra, tfajla mill-Albnia. In fatti, jien lil A, billi hsibt li kienet taf b' din is-sitwazzjoni, ma hassejtx li qed nisvela xi sigrieti. Pero' wara, rrealizzajt li hi, ghalkemm kellha xi suspetti, ma kienitx taf bil-mara l-ohra."

Illi l-Qorti thoss opportun li tosserva li, il-fatt ut sic li konjugi fiz-zwieg ikollhom xi jghidu, u jargumentaw fuq hwejjeg li, ghalkemm qabel huma kienu jittoleraw, izda maz-zmien, saru jdejjquhom b' mod li huma jinfexxu f' argumenti u piki bejniethom, ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, jew li jezistu l-estremi kontemplati mill-ligi ghas-separazzjoni personali. Wara kollox il-litigji bejn il-konjugi huwa wiehed mill-fatturi li jezisti f' diversi zwiegijiet fejn il-partijiet, minkejja dan, jibqghu flimkien, stante li l-konvivenza matrimonjali ma tkunx saret difficli hafna jew insopportabbli.

Dan qed jinghad, ghax fil-kaz in dizamina, nonostante li jidher li hemm certu nkompattibilita' fil-karattru tal-partijiet, li kien il-kagun ta' diversi litigji li dawn kellhom matul il-konvivenza matrimonjali ta' circa tletin [30] sena, iz-zwieg tfarrak ghax biz-zmien l-attrici kkonfermat is-suspett taghha li, meta l-konvenut kien beda jahdem f' certu supermarket, huwa kien dahal f' relazzjoni extra matrimonjali ma' mara barranija li kienet tahdem fl-istess stabbilment. Il-konvenut jammetti li kien sar jaf lil din il-mara, qabel ma' telaq mid-dar konjugali, u kien jiffrekwentaha u jkollu relazzjonijiet intimi maghha. Eventwalment, meta telaq mid-dar, dina ghal xi zmien kienet marret tikkoabita mieghu. Altru milli, kif sostnut mill-konvenut, li dan kien kostrett, minhabba l-agir abuziv ta'

[7] Sottolinear tal-Qorti

martu, li jitlaq mid-dar konjugali !. Il-Qorti hi ferma fil-fehma taghha, li l-konvenut kien kostrett jitlaq mid-dar konjugali, meta martu, saret taf bejn l-ahhar ta’ Gunju u l-bidu ta’ Lulju 2003, sforz ta’ lapsus genwin da parti tax-xhud John Cremona, li l-konvenut kellu mara ohra.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hi tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment unikament minhabba l-infedelta’ fiz-zwieg da parti tal-konvenut li qabad relazzjoni adulteruza ma’ mara barranija li eventwalment dahlet tikkoabita mieghu meta hu telaq mid-dar konjugali; u ghalhekk jikkonfigura fil-konfront tieghu dak kontemplat fl-artikolu 38 tal-Kap.16 li ex lege jattira l-applikazzjoni fl-intier tieghu ta’ l-artikolu 48 ta’ l-istess Kap.

**Manteniment**

Illi in propozitu l-Qorti, tenut kont: [a] tal-fatt li l-attrici llum ghandha ’il fuq minn sitta u hamsin [56] sena[8], [b] tal-fatt li dina qatt ma hadmet barra mid-dar matul il-konvivenza matrimonjali ta’ tletin [30] sena ghax il-konvenut kien jghir ghaliha u ma riditx tohrog tahdem u ghalhekk il-prospetti lavorattivi taghha fid-dinja tax-xoghol tallum huma zghar hafna, [c] tal-fatt li kienet l-attrici li sfat vittma ta’ l-akbar offiza li konjugi jista’ jaghmel lill-konjugi l-iehor, meta zewgha, wara konvivenza twila, bidilha ma’ mara ohra u mar jghix fi stat ta’ konkubinagg, liema fatt attira lejh ir-responsabbilita’ shiha u esklussiva tat-tkissir taz-zwieg taghhom, u [d] tal-fatt li bix-xoghol, u anke bil-hidma ntensiva tieghu, il-konvenut, espert fl-informatika, kellu ntrojtu san li kien jippermetti lil familja tieghu jkollha standard of living gholi; il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut ghandu jhallas lil martu l-attrici rata alimentarja adegwata sabiex dina tkun tista’ tibqa’ tghix hajja dinjituza b’ introjtu adegwat; u ghalhekk tikkonsidera l-ammont ta’ €200 fil-gimgha bhala wiehed xieraq u opportun fic-cirkostanzi tal-kaz.

Il-Qorti, fil-komputazzjoni tal-quantum tal-manteniment, hadet in konsiderazzjoni wkoll l-fatt li l-attrici, li ser tigi

---

[8] Karta ta’ l-identita’ tal-konvenut ghandha n-numru 839051M

awtorizzata tghix fid-dar konjugali, ser ikollha l-obbligu li thallas is-sub cens temporanejw fuq l-istess fond.

Inoltre, il-Qorti ma tistax tonqos li tosserva li hi ferm ingusta l-akkuza, maghmula mill- konvenut fin-nota tieghu, li l-attrici hi passiva dwar l-introjtu li tista' taghmel peress "li hija komda komda tircievi **minghajr ma taghmel ebda [recte: ebda] sforz biex kemm jista' jkun tghix ahjar hi u ma tkunx ta' piz ghal haddiehor**."[9] Il-konvenut hawnhekk donnu qed jinsa li l-attrici kienet ghamlet numru ta' snin tiehu hsieb u tindukra lil ommu sakemm mietet; kienet rabbiet lil ulied il-partijiet, meta l-konvenut kien jkun barra fuq xoghol; u kien l-istess konvenut li sforz l-ghejra li kellu ghaliha, kienet impeduta minnu li tul il-hajja matrimonjali tmur tahdem. Il-Qorti tistaqsi: Allura dak iz-zmien ma kinitx ta' piz ghalih martu! jew martu saret ta' piz biss, meta beda jikkonvivi ma' mara ohra?

Ghaldaqstant tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha s-somma ta' mitejn ewro **[€200] fil-gimgha,** bil-quddiem permezz ta' cheque mibghut fir-residenza taghha. Dan l-ammont ghandu jizdied kull sena skond l-indici ufficjali tal-gholi tal-hajja.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi ghal dik li hi konsistenza ta' l-assi, il-Qorti taghmel referenza ghas-sezzjoni rispettiva fir-rapport tal-perit legali; u, wara li hadet in konsiderazzjoni, wkoll, is-sottomissjonijiet tal-partijiet, tordna li l-assi jigu assenjat kif ser jinghad:

[1] Illi l-attrici qed tigi awtorizzata tghix fid-dar konjugali fil-fond terran numru 107 go Rudolph Street, Sliema, deskritt fil-kuntratt[10] ippublikat fit-18 ta' Jannar 2000 minn Nutar Dottor John Gambin, ad eskluzjoni ta' zewgha; bl-obbligu pero' li hi thallas is-sub cens annwali dovut fuq l-istess, liema obbligu gie kompensat fil-komputazzjoni tal-manteniment, u ghandu l-ghan li jevita komplikazzjonijiet futuri lill-istess attrici;

[9] Vol.2 – fol.770 – fond 'bold' kif prezentat fin-nota
[10] Vol.1 dok.RR1 – fols.250 *et seq.*

[2] Illi l-attrici qeda tigi assenjata l-mobbli kollha li hemm fid-dar konjugali;

[3] Illi l-garage[11] sitwat f' Aroha Lane Sliema ghandu jinbigh fuq is-suq hieles fi zmien sena, wara li jigi stmat mill-Perit l-AIC Mario Cassar li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop; u fin-nuqqas, wara li tkun ghaddiet sena, ghandu jinbiegh bis-subbasta bi prezz mhux inferjuri ghal dak stabbilit mill-perit tekniku; u r-rikavat, wara li jithallas minnu l-bilanc tad-dejn fuq l-istess fond u d-dejn dovut lill-erarju pubbliku [Social Security, Income Tax u Vat], jigi assenat liz-zewg partijiet f' porzjonijiet ugwali;

[4] Illi l-ishma fis-socjeta' DART Limited, inkluzi d-depoziti bankarji konnessi man-negozju, ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet;

[5] L-ghodda kollha li hemm fl-imsemmi garage, il-computer, flimkien ma' l-accessorji kollha tieghu, u l-erba' kitrarri, l-organu elettriku, video recorder u dak kollu li hemm fl-imsemmi garage, qed jigu assenjati fl-intier taghhom lill-konvenut;

[6] Illi l-kontijiet bankarji, kif inhuma llum ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet, anke dawk fuq isem il-kumpanija DART Ltd. stante li din giet mahluqa mill-konvenut fiz-zwieg u li taghha huwa l-uniku azzjonist;

[7] Illi l-vettura Hyundai Accent numru HAN-357, u kull vettura ohra li talvolta giet akkwistata matul iz-zwieg, mhux b' donazzjoni jew wirt, ghandhom jigi stmati, u jinbighu fuq is-suq hieles fi zmien sena, jew bis-subbasta wara l-gheluq ta' dan il-perijodu, u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, prevja rigett ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut:

[11] Vol.1 – fol.254 *et seq.*

[1] tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut;
[2] tilqa' t-tieni talba, fis-sens fuq stabbilit u ordnat that is-sezzjoni "Manteniment";
[3] tilqa' it-tielet u r-raba' talba fis-sens fuq stabbilit u ordnat taht is-sezzjoni "komunjoni ta' l-akkwisti";
[4] tilqa' l-hames talba, billi tapplika fl-intier tieghu l-artikolu 48 tal-Kap.16, fil-konfront tal-konvenut.

L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------